MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 275/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**
**Vs**

**Carmelo Borg**
**Omissis**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-Erbgha 27 t'Awissu, 2003 mit-8.30 a.m. il-quddiem, nhar it-Tnejn 22 ta' Settembru, 2003 bejn is-2.30 p.m. u l-5.00 p.m., u nhar it-Tlieta 23 ta' Settembru, 2003, wara it-2.45 p.m. :**
**1) minghajr ebda licenzja tal-Awtoritajiet kompetenti, ghamel xoghol ta' spray fil-fond u cioe' fil-garaxx bl-isem "Borg Furniture – Kensons", fi Triq Santa Katerina, Gharghur u f'garaxx iehor ma genbu fuq il-**

**lemin, u dan kollu bi hsara serja ghal sahhet il-girien u l-familji taghhom, oltre l-inkonvenjent ta' l-irwejjah;**
**2) nhar l-Erbgha, 27 t'Awissu, 2003 u nhar it-Tnejn, 29 u t-Tlieta, 30 ta' Settembru, 2003 u l-Hamis, 2 t' Ottubru, 2003 fit-2.45 p.m. ghamel storbju kontinwu billi haddem makkinarju ghax-xoghol tal-injam, bi ksur tal-kundizzjoni fil-licenzja ghal tali xoghol, li tistipula li wara nofs inhar ma jistghax jahdem u jopera makkinarju qabel l-4.00 p.m. u dan kollu b' disturb tal-mistrieh tal-girien u l-familji taghhom.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Settembru, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 130(1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel akkuza w ikkundannatu ghaxar liri Maltin (LM10) ammenda izda mhux hati tat-tieni akkuza w ordnat li l-istess Carmelo Borg inehhi l-inkonvenjent skond l-ewwel akkuza fi zmien xahar taht penali ta' zewg liri Maltin (LM2) kulljum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 t'Ottubru, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata w dana fis-sens li tikkonfermaha fejn l-appellant gie lliberat mit-tieni akkuza w thassaraha w tirrevokaha fejn instabet htija.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- li minkejja li l-Perit David Saliba nominat mill-Ewwel Qorti kien irrelata li l-ko-akkuzat Kenneth Borg kellu jigi liberat izda kellha tinstab htija fl-appellant, meta dan il-perit kien gie mistoqsi in eskussjoni fl-ahhar seduta qabel is-sentenza, kien qal bla tlaqlieq ta' xejn u stqarr li provi kontra Carmelo Borg ma kienx hemm, izda li *by exclusion* la Kenneth Borg kellu jigi liberat, allura bil-fors kellu jehel xi hadd ta' dak rapportat. Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata lanqas biss ghamlet riferenza ghal dan il-fatt hekk importanti. Illi dar-ragunament fil-kamp penali hu skorrett.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi f' dan il-kaz il-provi huma traskritti u l-appell jirrigwarda l-apprezzament tal-provi migbura mill-perit legali li ghamlet l-Ewwel Qorti, meta sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v.**

**Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta….., il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mill-access mizmum fil-25 ta' Frar, 2004, irrizulta li fil-garage li jinfed mal-fond Kensons Borg Furniture, Triq Santa Katerina, Gharghur, li jikkonsisti f' workshop ta' mastrudaxxa, nstabet kamra maghluqa ghaliha li fiha kien hemm kompressur tal-arja SV150/280 , *gun* tal-*spray* kif ukoll *extractor* li jarmi l-arja ghall-bitha tal-*workshop*. (fol. 66).**

**Mix-xhieda ta' Fidiel Zarb (fols. 67 u 68) irrizulta li jsir spray f' dawn il-garaxxijiet ghax minn wara tad-dar ixomm ir-riha ta' spray . Dir-riha ilu jxomma l-aktar minn sena qabel ma kien qed jixhed u cioe' fil-28 t' April, 2004. L-aktar li xamm riha ta' spray kien fis-27 t' Awwissu, 2003 mit-8.30 am 'l hemm, fit-22 ta'Settembru, 2003 wara nofsinhar u fit-23 ta' Settembru, 2003 wara nofsinhar. Meta kien ixomm ir-riha ta' spray kien jinforma lill-Avukat tieghu u anki darba kien mar l-Avukat. Kien ukoll ghamel rapport l-ghassa fis-27 t' Awwissu, 2003 u fit-23 u 24 ta' Settembru, 2003. Hu gej u sejjer l-isptar minnhabba s-sinus u grizmejh. (fol. 70).**

Cettina Zarb umbaghad xehdet li xxomm l-spray, specjalment fir-rih isfel. Fis-27 t' Awwissu, xammet ir-riha w cemplet lill-Pulizija. Baqghet ixxomm l-ispray sa xahar qabel ma kienet qed tixhed fil-25 t' Ottubru, 2004.

**Anthony Debono ukoll xehed li fis-27 t' Awwissu 2003 irraporta minnhabba l-spray u din baqghet kontinwament u rrapurtaw l-ghassa darbtejn ohra fit-22 u 23 ta' Settembru, 2003. Hu ghandu tifel ibaghti bil-croupe li jkun bhall-attakk tal-azzma u hu jbaghti bil-*hayfever.* Lill-ibnu jiehdu l-isptar biex jatuh l-arja.**

**Xehed umbaghad Joseph Farrugia, ufficjal tekniku rapprezentant tal-MEPA u esebixxa kopja ta' applikazzjoni w permessi li hargu jew li kien hemm fuq il-fond "Borg Garage", St. Catherine Street, Gharghur, PA 06566/00 u applikazzjoni (Dok. JF1), permess tal-Pulizija li gie esebit mill-applikant (Dok JF2) u kopja tar-rifjut. (Dok.JF3), talba ghar-rikonsiderazzjoni (Dok.JF4) u r-rfjut tar-**

**rikonsiderazzjoni (Dok. JF5), liema rifjut jinsab appellat. (**ILLI JIGI RILEVAT LI DAWN L-APPLIKAZZJONIJIET SARU PROPRJU MILL-APPELLANT FUQ ISMU U BIEX JIKSEB PERMESS GHALL-AIR COMPRESSOR B' RIFERENZA GHALL-UZU TA' SPRAY-PAINTING**.)**

**Charles Muscat , principal officer fit-Trade Licensing Unit , xehed li jezistu zewg licenzji fuq Carmelo Borg , wahda numru 44/29, Victor Garage Triq Santa Maria, Naxxar u l-ohra 24/14 "Borg Garage, Triq il-Kbira, Gharghur , (Doks. CM1 u CM2).**

**Ikkonsidrat;**

**Illi minn dawn il-provi l-Ewwel Qorti kellha altru milli provi bizzejjed, kemm diretti kif ukoll ta' natura indizjarja biex *"safely and satisfactorily"* tikkonkludi li l-appellant fil-granet imsemmijin fl-imputazzjoni kien qed jaghmel xoghol ta' spray fil-lokal imsemmi, minghajr licenzja kif ukoll bi hsara ghal sahhet il-girien u l-familji taghhom oltre l-inkonvenjent tal-irwejjah. Ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament ta' fatt li ghamlet l-Ewwel Qorti. Illi qal x' qal il-perit tekniku meta gie eskuss (li mhux traskritt u ma jinsabx fil-process) ma jbiddel xejn mill-portata tal-provi kumulattivi li hemm fil-process u li jippontaw b' mod inekwivoku kontra l-appellant bhala l-persuna responsabbli mill-gestjoni tal-post.**

**Konsegwentement l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha, b' dan li it-terminu ta' xahar impost mill-Ewwel Qorti biex jitnehha l-inkonvenjent, jibda jiddekorri mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------